# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 528/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**BC**

**U**

**MM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' BC u MM, datat 29 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi huma zzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin (21) t'Ottubru tass-ena elfejn u sitta (2006) fil-knisja ta' Sant Antnin f'Ghajn Dwieli liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (2033/2006), u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.'A';*

2. *Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali li kien ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa fl-ghoxrin ta' Marzu tas-sena 2017, kopja ta' liema qieghda hawn tigi annessa u mmarkata bhala Dok. 'B';*

3. *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifel bl-isem ta' JC li twieled nhar it-13 t'Awwissu tas-sena 2008, liema certifikat tat-twelid qieghesd jigi hawn annes u mmarkat bhala Dok 'C';*

4. *Illi l-partijiet kienu qablu li l-kura u l-kustodja tal-minuri hija kongunta izda l-minuri ser jirrisjedi mal-omm;*

5. *Illi fil-kuntratt tas-separazzjoni de quo, l-esponenti kien obbliga ruhu li jghaddi s-somma ta' €250 fix-xahar lill-intimat bhala manteniment ghall-minuri JC;*

6. *Illi l-partijiet qeghdin jiddikjaraw li ma hemm l-ebda manteniment pendenti versu z-zewg partijiet.*

7. *Illi huma ddiskutew il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni mal-Avukat dottor Andy Ellul LL.D u kkonkludew li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

8. *Illi llum il-gurnata ghaddew erba' (4) snin mid-de facto separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

9. *Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

***Ghaldaqstant,*** *ir-rikorrenti BC u MC jitolbu bir-rispett lil dina l-Wisq Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-ligi fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**BC** xehed a fol 18 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-21 t'Ottubru 2006 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-20 ta' Marzu 2017 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, versu liema huwa jhallas manteniment b'mod regolari. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MM** xehdet a fol 21 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' BC.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

*adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat;**

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar il-21 ta' Ottubru, 2006, fil-Knisja ta' Sant Antnin f'Ghajn Dwieli (Vide Dok A, a fol 10) u minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed li ghadu minuri;

Il-partijiet ilhom separati legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Marzu, 2017 in atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa (Vide Dok B a fol 4 et seqq.), u ilhom 'l fuq minn erba' snin ma jghixux flimkien.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**